MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-28 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 2395/1999/1

**Edwina Trabelsi**

**Vs**

**Mohammed Trabelsi**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-kontendenti zzewgu fl-14 ta' Ottubru 1989 (Dok. A);

Premess illi z-zwieg ta' bejn il-kontendenti thassar irrevokabilment minhabba mohqrija, sevizzi gravi, swat, ingurji, abbandun u theddid kommessi da parti tal-konvenut;

Premess illi miz-zwieg twieldu zewgt (*sic.)* itfal li ghadhom minuri, ossia Omar ta' tmien (8) snin, Sammy ta' sentejn (2) u Charmaine ta' sitt (6) snin;

Premess illi l-attrici giet debitament awtorizzata skond Digriet tas-Sekond' Awla tat-2 ta' Settembru 1999, kopja ta' liema tinsab esebita bhala Dok. B, biex tipprocedi ghas-separazzjoni personali;

Talbet ghalhekk l-attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba mohqrija, sevizzi gravi, swat, ingurji, abbandun u theddid kommessi da parti tal-konvenut;

2. Takkorda lill-attrici l-kura u l-kustodja ta' Omar ta' tmien (8) snin, Sammy ta' sentejn (2) u Charmaine ta' sitt (6) snin;

3. Tikkundanna l-konvenut ihallas retta alimetari pagabbli bhala manteniment ghall-attrici u ghat-tfal taghha minuri;

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni, taqsamha f'zewg porzjonijiet applikando kontra l-konvenut is-sanzjonijiet kontemplati fil-ligi u tassenja wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut, bin-nomina okkorrendo ta' perit biex jaghmel l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta' qasma, u okkorrendo ta' nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirrapprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

5. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jikkonsenja lill-attrci fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss l-oggetti kollha parafernali, u fin-nuqqas jigi kkundannat ihallas lill-attrici l-valur taghhom kif jigi likwidat okkorrendo permezz ta' perit nominand;

Bl-ispejjez;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attrici, il-lista tax-xhieda minnha indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat illi ghalkemm debitament notifikat bic-citazzjoni u bl-avviz tas-smiegh tal-kawza, il-konvenut baqa' ma pprezentax in-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu;

Rat id-digriet tat-22 ta' Mejju 2000 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Deborah Huber biex tigbor il-provi;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

L-attrici tiffonda l-azzjoni taghha ghall-firda personali minn mal-konvenut zewgha ghar-ragunijiet ta' mohqrija, sevizzi gravi, swat, ingurji, abbandun u theddid;

Ghal dawn l-akkuzi ta' martu l-konvenut baqa' sieket u fil-fatt lanqas wiegeb ghall-azzjoni;

Mill-atti tal-kawza jirrizultaw dawn l-ilmenti ta' l-attrici:

I. Primarjament is-swat kontinwu fuqha u anke fuq uliedha, specjalment fil-konfront tat-tifel il-kbir Omar. Dan ta' l-ahhar jirrakkonta lis-Social Workers xeni u sitwazzjonijiet kwazi-danteski ta' mohqrija u swat minn missieru u membri tal-familja tieghu. Ara deposizzjoni ta' Brian Magro, social worker fl-iSchool Social Work Services tal-Kurja, a fol. 36 u 38 tal-process. Skond kif rakkontat minnu dan l-assoggettar holoq disturbi serji fl-imgieba tat-tifel bil-konsegwenza li dan qed ihalli effett anke fuq membri ohra tal-familja;

II. L-isfurzar ta' zewgha biex tipprostitwixxi ruhha. Taht theddid kellha tissokkombi ghar-rieda tal-konvenut,

ghax dan qatt ma ried jahdem u ried jghix minn fuqha, jigri fil-*bars*, jilghab u jiffrekwenta kumpanija indesiderabbli. Minhabba dan il-fatt l-attrici kellha bosta drabi tbiddel ir-residenza u tkun akkostata u investigata mill-Pulizija. Dan tikkonfermah Grace Gatt (fol. 30), li kienet membru tal-Vice-Squad tal-Pulizija;

III. Meta kien qed isehh dan kollu l-ulied kien ikollhom jinqaflu f'istitut u l-attrici tirrikovera ruhha fid-dar "Merhba Bik" ghan-nisa msawwta. Ara xhieda ta' Sister Margaret Gonzi (fol. 35);

IV. L-izregolatezza ta' zewgha waslitu biex hu wkoll jahbat difru mal-Pulizija fuq traffikar ta' drogi, ghal liema reat gie mibghut il-Habs. Inoltre l-vettura li kellu giet prelevata wkoll mill-Pulizija minhabba kuntrabandu;

V. Zewgha ma ddejjaq xejn jizzewweg bir-rit Musulman mara Marokkina, li wkoll hallietu minhabba swat. Dan fl-istess zmien li kien mizzewweg lill-attrici;

VI. Matul il-perjodu kollu taz-zwieg il-minacci ma naqsu qatt. Meta dawn ma kienux bizzejjed il-konvenut kien jinfexx fi swat. Kien hemm okkazjoni fejn l-attrici htiegilha taghmel xi punti minhabba li l-konvenut kien waddbilha l-*mixer* ghal rasha;

Jinsab ritenut illi "certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti negattivi li jistghu jirrendu l-hajja komuni nsopportabbli huma ritenuti fid-dottrina bhala sevizji. Infatti, tant il-bniedem iraxxibbli u irruwenti, kif ukoll dak flemmatiku, malvagju jew depravat, jistghu t-tnejn fl-isferi taghhom ta' azzjoni jew inazzjoni, jirrendu l-hajja supplizju kontinwu." - "**Maria Mifsud -vs- Vincenzo Mifsud**", Prim' Awla, Qorti Civili, 30 ta' Gunju 1961;

Dan hu dak li kellha tissubixxi l-attrici. Il-brutalita` ta' zewgha kienet rikkorrenza abitwali, ripetuta u talment intollerabbli li b'konsegwenza irrendiet insopportabbli l-konvivenza. Is-swat ma huwa tollerat fl-ebda grad. Il-kontinwita` tieghu imbaghad taghmel l-ezistenza ta' dak li jkun infern, li joffendu lill-persuna u jaggravaw il-

konvivenza komunii gja difficli. (Ara "**Attard -vs- Attard**" a Vol. XVII P I p 53; "**Busuttil -vs- Busuttil**" a Vol. XXVI P I p 246);

Il-Qorti hi sodisfatta illi ngiebu provi assodati ta' swat u minacci fuq il-mara u t-tfal li minghajr ombra ta' dubju juru lill-konvenut bhala bniedem mill-aktar aggressiv, vjolenti u dominanti. Dan l-atteggjament tieghu holoq atmosfera mill-aktar opprimenti tant li minn dak rilevat mill-provi uliedu ghadhom jibzghu minnu, anke issa li ma ghadhomx mieghu;

Konformement mal-hsieb tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet "**Doris Mizzi -vs- Mario Mizzi**", 19 ta' Mejju 2000, "din il-Qorti filwaqt li tqis li kull xorta ta' vjolenza, fizika jew morali, hi element li jitfa' piz kbir ta' responsabiita` fuq min ikun jigi provat li kien hati li kkommettih, tifhem li l-grad ta' vjolenza seta' imbaghad ikun fattur determinanti biex ir-responsabilita` tat-tifrik taz-zwieg tigi esklussivament addebitata lil dik il-parti. U meta l-vjolenza u l-aggressjoni tkun tidher mill-atti illi tkun saret mod ta' hajja tant li tkun riflessa fil-karattru tal-persuna, ftit jibqghu difizi li jistghu jingiebu b'gustifikazzjoni ghal tali agir.";

Fic-cirkostanzi l-Qorti trid tahseb ghall-ahjar harsien ta' l-ulied, gja trawmatizzati bil-komportament goff u brutali ta' missierhom, biex l-access dwarhom ma jsirx jekk mhux taht supervizjoni adegwata;

Sejra wkoll tipprovdi ghal manteniment taghhom kif ukoll ghal konferma tad-digriet ta' dina l-Qorti, diversament presjeduta, tad-9 ta' Awissu 2001 biex l-attrici flimkien ma' uliedha jirrisjedu fid-dar konjugali ta' Haz-Zabbar, mill-attrici akkwistata b'enfitewsi temporanju fid-19 ta' Ottubru 1990 skond kuntratt esebit a fol. 24 tal-process.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' l-Ewwel Talba attrici u b'hekk tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba htijiet imputabbli lill-konvenut;

Tilqa' wkoll it-Tieni Domanda u taffida l-kura u l-kustodja tat-tlett ulied minuri lill-attrici, b'dan illi qed jigi akkordat lill-konvenut id-dritt ta' l-access kull nhar ta' Sibt mill-ghaxra u nofs ta' filghodu (10:30 a.m.) sa nofsinhar (12:00 p.m.). Dan id-dritt ista' jigi ezercitat biss taht is-supervizjoni ta' ufficjali jew social worker ta' l-agenzija Appogg jew gewwa c-Centru Hidma Socjali;

Tilqa' t-Tielet Domanda u tikkundanna lill-konvenut ihallas ghal uliedu biss manteniment ta' hamsin lira Maltija (Lm50) kull erba' gimghat u dan sakemm il-posizzjoni finanzjarja tieghu tibqa' kif inhi. F'dan ir-rigward il-jedd ta' martu ghall-hlas ta' manteniment jibqa' wkoll impregudikat;

Tilqa' r-Raba' Talba u tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti izda tastjeni milli tillikwida u tiddividi l-istess billi ma ngiebux provi dwar l-assi komponenti l-istess komunjoni. Dan bl-eccezzjoni tal-fond residenzjali numru tlieta (3) minn kerrejja numru mija u erbgha u hamsin (154), Sqaq Tnejn (2), Triq il-Kbira, Haz-Zabbar li qed jigi assenjat interament lill-attrici ghaliha u ghal uliedha, ad eskluzjoni tal-konvenut;

F'dan ir-rigward u ghal dan il-fini l-Qorti qed tinnomina lin-Nutar Joseph Darmanin biex jippubblika l-att opportun fi zmien xahar mil-lum. Tahtar ukoll lill-Avukat Dottor Edwina Grima biex tirrapprezenta lill-eventwali kontumaci fuq il-kuntratt;

Finalment il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-Hames Talba billi ma ngiebux provi dwar l-assi parafernali ta' l-attrici.

L-ispejjez kollha gudizzjarji ghandhom jigu sopportati mill-konvenut kontumacjali.

--------------------------------TMIEM--------------------------------